MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1476/2003

**Citadel Insurance Plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Paul Pullicino, sia bil-polza u sia bil-ligi**

**Vs**

**Raymond Bonnici**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm580.29c (hames mija u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni subiti mill-assigurat tas-socjeta' attrici Paul Pullicino, li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta', u liema danni gew subiti in segwitu incident awtomobilistiku fl-14 t'April, 2001 gewwa Triq San Bastjan, Qormi, bejn vettura numru TPG 002, misjuqa minn Noel Grech u proprjeta' ta' Paul Pullicino u vettura CAR 008 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut, minhabba

traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Il-konvenut ghalkemm interpellat, anke permezz ta' Ittra Ufficjali tas-16 ta' Novembru, 2001 baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-Ittra Ufficjali u bl-imghax legali sad-data tal-hlas tas-somma kollha, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, kontra s-socjeta' assigurattrici GasanMamo Insurance Agency Ltd, ai termini tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------